31993R1727

1.7.1993 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 160/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1727/93

tat- 30 ta' Ġunju 1993

li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 388/92, (KEE) Nru 1727/92 u (KEE) Nru 1728/92 tat- 30 ta' Ġunju 1993 li jistabilixxu regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' l-arranġamenti speċifiċi għall-fornitura ta' prodotti taċ-ċereali lid-dipartimenti Franċiżi *extra*-Ewropej, l-Azores u Madeira u l-Gżejjer Kanarji rispettivament u li jistabbilixxu l-bilanċi rispettivi tal-fornitura prevista

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3763/91 tas-16 ta' Diċembru 1991 li jintroduċi miżuri speċifiċi fir-rigward ta' ċerti prodotti agrikoli għall-benefiċċju tad-dipartimenti Franċiżi *extra*-Ewropej [1], kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3714/92 [2], u b'mod partikulari l-Artikolu 2(6) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1600/92 tal-15 ta' Ġunju 1992 li jikkonċerna miżuri speċifiċi għall-Azores u Madeira li jirrelataw għal ċerti prodotti agrikoli [3], kif emendat mir-Regolament (KEE) Nru 3714/92, u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal- Kunsill (KEE) Nru 1601/92 tal-15 ta' Ġunju 1992 li jikkonċerna miżuri speċifiċi għall-Gżejjer Kanarji fir-rigward ta' ċerti prodotti agrikoli [4], kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3714/92, u b'mod partikulari l-Artikolu 3(4) tiegħu,

Billi l-kwantitajiet tal-prodotti li jibbenefikaw mill-arranġamenti speċifiċi ta' fornitura għandhom jiġu determinati fil-kwadru ta' bilanċi perjodiċi ta' fornitura mbassra li jistgħu jiġu aġġustati abbażi tal- ħtiġiet essenzjali tas-swieq u b' kont meħud tal-produzzjoni lokali u l-flussi tradizzjonali tal-kummerċ; billi sabiex tiġi assigurata kopertura ta' ħtiġiet fejn jidħlu kwantità, prezz u kwalità u sabiex jiġi assigurat li l-proporzjon ta' prodotti forniti mill-Komunità huwa ppreservat, l-għajnuna li għandha tingħata għall-prodotti li joriġinaw fil-bqija tal-Komunità għandha tiġi determinata fuq termini ekwivalenti, għall-utent aħħari, għall-vantaġġ li jirriżulta minn eżenzjoni mid-dazji ta' l-importazzjoni fuq importazzjonijiet ta' prodotti minn pajjiżi terzi;

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 388/92 [5] kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE) Nru 1497/93 [6], jistabilixxi, skond l-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 3763/91, il- bilanċ tal-fornitura mbassar għall-prodotti taċ-ċereali għad-dipartimenti Franċiżi *extra*-Ewropej; billi dan il-bilanċ jippermeti għall-interskambju tal-kwantitajiet determinati għal xi prodotti kkonċernati u, jekk neċessarju, għal żieda matul is-sena fil-kwantità totali determinata; billi, fid-dawl ta' l-esperjenza u sabiex jintlaħħqu l-bżonnijiet tad-dipartimenti Franċiżi *extra*-Ewropej, huwa neċessarju li jiġi aġġustat il-bilanċ tal-fornitura mbassar; billi l-Anness mar-Regolament (KEE) Nru 388/92 għandu għalhekk jiġi emendat;

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1727/92 [7], kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE) Nru 1497/93, jistabilixxi, skond l-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 1600/92, il-bilanċ tal-fornitura mbassar għall-prodotti taċ-ċereali għall-Azores u Madeira għall-1992/93; billi l- l-bilanċ tal-fornitura mbassar għas-sena tas-suq 1993/94 għandu għalhekk jiġi stabbilit;

Billi r-Regolament tal- Kummissjoni (KEE) Nru 1728/92 [8], kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE) Nru 1497/93, jistabilixxi, skond l-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 1601/92, il-bilanċ tal-fornitura mbassar għal prodotti taċ-ċereali għall-Gżejjer Kanarju għall-1992/93; billi l-bilanċ tal-fornitura mbassar għas-sena tas-suq 1993/94 għandu għalhekk jiġi stabbilit;

Billi l-limitu taż-żmien għas-sottomissjoni ta' l-applikazzjonijiet għaċ-ċertifikati ta' l-għajnuna u l-ammont tat-titolu li għandu jiġi alloġġat stabbilit fl-Artikolu 4(1) tar-Regolamenti (KEE) Nru 388/92 u (KEE) Nru 1727/92 rispettivament huma ffissati bħala l-ewwel ħamest ijiem utli ta' kull xahar fil-każ tal-limitu taż-żmien u 25 ECU/tunnellata fil-każ ta' l-ammont tat-titolu; billi l-limitu taż-żmien u t-titolu huma ffissati bħala l-ewwel 10 jiem utli u 25 ECU/tunnellata rispettivament bl-istess Artikolu tar-Regolament (KEE) Nru 1738/92; billi sabiex jittieħed kont tal-prattiki tal-kummerċ speċifiċi għal ċerti prodotti pproċessati fis-settur taċ-ċereali għandha ssir proviżjoni minn naħa waħda għall-għażla tas-sottomissjoni ta' l-applikazzjonijiet fi kwalunkwe ġurnata tax-xahar u, min naħa l-oħra, għat-tnaqqis fuq l-ammont tat-titolu;

[1] ĠU L 356, ta' l-24.12.1991, p. 1.
[2] ĠU L 378, tat-23.12.1992, p. 23.
[3] ĠU L 173, tas-27.6.1992, p. 1.
[4] ĠU L 173, tas-27.6.1992, p. 13.
[5] ĠU L 43, tad-19.2.1992, p. 16.
[6] ĠU L 148, tat-18.6.1993, p. 13.
[7] ĠU L 179, ta' l-1.7.1992, p. 101.
[8] ĠU L 179, ta' l-1.7.1992, p. 104.

Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għaċ-Code en erreur: 8eVereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 1(2) tar- Regolamenti (KEE) Nru 388/92, (KEE) Nru 1727/92 u (KEE) Nru 1728/92 hu hawnhekk sostitwit b'dan li ġej:

"2. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe żieda matul is-sena finanzjarja fil-kwantità globali ffissata għaċ-ċereali, il-kwantitajiet rispettivi ffissati għal wieħed jew ieħor miċ-ċereali in kwistjoni jistgħu jiġu maqbuża b' massimu ta' 20 %, sakemm ikun hemm konformità mal-kwantità globali. 'Is-Sorgu' għandu jiġi ttratat bħala majż għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament'.".

Artikolu 2

L-Anness mar-Regolament (KEE) Nru 388/92 huwa hawnhekk sostitwit bl-Anness I ma' dan ir-Regolament.

L-Anness mar-Regolament (KEE) Nru 1727/92 huwa hawnhekk sostitwit bl-Anness II ma' dan ir-Regolament.

L-Anness mar-Regolament (KEE) Nru 1728/92 huwa hawnhekk sostitwit bl-Anness III ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

1. L-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KEE) Nru 388/92 hu hawnhekk sostitwit b'dan li ġej:

"1. Applikazzjonijiet għal liċenzji u ċertifikati għandhom jiġu sottomessi lill-awtorità kompetenti matul l-ewwel ħames ijiem utli ta' kull xahar. Madankollu, l-applikazzjonijiet għaċ-ċertifikati ta' l-għajnuna għall- fornitura tal-prodotti taċ-ċereali li jaqgħu fil-kodiċi NM 1103 u 1107 kif ukoll prodotti li jaqgħu fil-kodiċi NM 2309 90 31, 2309 90 33, 2309 90 41, 2309 90 43, 2309 90 51 u 2309 90 53, ta' oriġini Komunitarja, kif ukoll applikazzjonijiet għal ċertifikati ta' għajnuna għall- fornitura ta' ċereali lid-dipartiment tal-Guiana Franċiża, jistgħu jiġu sottomessi f'kwalunkwe jum utli ta' kull xahar. Liċenza jew ċertifikat ta' applikazzjoni għandom jiġu amessi biss jekk:

(a) ma jaqbżux il-kwantità massima disponibbli għal kull perjodu li matulu l-applikazzjonijiet għandhom jiġu ppreżentati;

(b) qabel ma jiskadi l-limitu taż-żmien stabbilit għas-sottomissjoni ta' liċenzji u ċ-ċertifikati ta' applikazzjoni, tkun ingħatat prova li l-parti konċernata ppreżentat titolu ta' 23 ECU għal kull tunnellata.'"

2. L-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KEE) Nru 1727/92 hu hawnhekk sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-applikazzjonijiet għal liċenzi u ċ-ċertifikati għandhom jiġu sottomessi lill-awtorità kompetenti matul l-ewwel ħamest ijiem utli ta' kull xahar. Madankollu, l-applikazzjonijiet għaċ-ċertifikati ta' l-għajnuna għall-fornitura ta' prodotti taċ-ċereali ta' oriġini Komunitarja li jaqgħu fil-kodiċi NM 1107 jistgħu jiġu sottmessi fi kwalunkwe jum utli ta' kull xahar. Liċenza jew ċertifikat ta' applikazzjoni għandhom ikunu ammessibbli biss jekk:

(a) ma jeċċedux il-kwantità massima disponibbli għal kull perjodu li matulu l-applikazzjonijiet għandhom jiġu ppreżentati;

(b) qabel ma jiskadi l-limitu taż-żmien stabbilit għas-sottomissjoni ta' liċenzi u ċ-ċertifikati ta' applikazzjoni, tkun ingħatat prova li l-parti kkonċernata ppreżentat titolu ta' 23 ECU għal kull tunnellata.'"

3) 3.L-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KEE) Nru 1728/92 hu hawnhekk sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Applikazzjonijiet għal liċenzi u ċ-ċertifikati għandhom jiġu sottomessi lill-awtorità kompetenti tul l-ewwel 10 jiem utli ta' kull xahar. Madankollu, applikazzjonijiet għaċ-ċertifikati ta' l-għajnuna għall-fornitura tal-prodotti taċ-ċereali ta' oriġini Komunitarja li jaqgħu fil-kodiċi NM 1103 u 1107 jstgħu jiġu sottomessi fi kwalunkwe ġurnata utli ta' kull xahar. Liċenza jew ċertifikat għandhom ikunu ammessibbli biss jekk:

(a) ma jeċċedux il-kwantità massima disponibbli għal kull perjodu li matulu l-applikazzjonijiet għandhom jiġu ppreżentati;

(b) qabel ma jiskadi l-limitu taż-żmien stabbilit għas-sottomissjoni ta' liċenza u ċertifikati ta' applikazzjoni, tkun ingħatat prova li l-parti kkonċernata ppreżentat titolu ta' 23 ECU għal kull tunnellata.'".

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1993.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, it-30 ta' Ġunju 1993.

Għall-Kummissjoni

René STEICHEN

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS I

IL-BILANĊ TAL-FORNITURA TAĊ-ĊEREALI GĦAD-DIPARTIMENTI FRANĊIŻI EXTRA EWROPEJ GĦAT-TIENI NOFS TA' L-1993

(tunnellati)

Ċereali li joriġinaw f' pajjiżi terzi (ACP/pajjiżi żviluppanti jew il-KEE)	Qamħ komuni	Qamħ durum	Qamħirrum	Majż	Frak u żerriegħa miħuna ta' qamħ durum	Malt
Il-Gwadelupp	40 000	0	5 000	10 000	-	750
Martinique	5 000	0	2 000	13 000	1 500	500
I-Guiana Franċiża	1 000	0	500	1 000	-	-
Réunion	20 000	0	10 000	80 000	-	1 000
Total	66 000	0	17 500	104 000	1 500	2 250
Total ġenerali	191 250					

L-ANNESS II

IL-BILANĊ TAL- FORNITURA TAĊ-ĊEREALI GĦALL-AZORES U MADEIRA GĦAS-SENA TAS-SUQ 1993/94

(tunnellati)

Prodott	Azores	Madeira
Qamħ komuni ta' kwalità biex isir il-ħobż	34 000	23 000
Qamħ għall-għalf	4 000	8 000
Qamħirrum	12 000	6 000
Qamħ durum	3 000	7 000
Majż	96 000	30 000
Malt	1 000	2 200
Total	150 000	76 200

L-ANNESS III

IL-BILANĊ TAL-FORNITURA TAĊ-ĊEREALI GĦALL-GÆEJJER KANARJI GĦAS-SENA TAS-SUQ 1993/94

(tunnellati)

Prodott	Kodiċi NM	Il-Gżejjer Kanarji
Qamħ komuni	1001	124 000
Qamħ durum	1001 10	4 000
Qamħirrum	1003	19 000
Ħafur	1004	1 000
Majż	1005	180 000
Żerriegħa miħuna ta' qamħ durum	1103 11 50	4 300
Żerriegħa miħuna tal-majż	1103 13	20 000
Żerriegħa miħuna ta' ċereali oħra	1103 19	1 200
ċapep	1103 21 sa 1103 29	1 500
Malt	1107	16 500